

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2006/0060(AVC)

28.6.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Kummerè Internazzjonali

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-aċċettazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-protokoll li jemenda l-ftehma dwar TRIPS magħmul f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005
(8934/2006 – C6-0359/2006 – 2006/0060(AVC))

Rapporteur għal opinjoni: Michel Rocard

PA_LegAVC

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali intalab biex ifassal opinjoni għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill rigward l-aċċettazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar Aspetti tal-Liġi dwar il-Proprietà Intellettuali li jolqtu l-Kummerċ (TRIPS), magħmul f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005.

Minkejja l-fatt li għad m'għandux disponibbli l-istudji u r-riċerka li jippermettulu biex jevalwa l-problema, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jixtieq jagħmel l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- fl-2005, il-Parlament Ewropew, li dak iż-żmien kien rappreżentat fuq dan is-suġġett mir-Rapporteur Johan Van Hecke, kien ħa sehem fit-tfassil tal-kompromess li issa qed jintalab biex jagħmlu definittiv, iżda kien talab li qabel jiġi adottat dan il-kompromess, il-mekkaniżmu temporanju previst kellu jiġi evalwat u l-Parlament kellu jerġa' jiġi kkonsultat wara din l-evalwazzjoni. Fil-fatt il-kompromess ġie adottat, iżda minn dan kollu ma sar xejn;
- aħna qed nintalbu biex napprovaw il-proposta minkejja li ma jeżisti l-ebda rapport li jistabbilixxi b'mod formali l-effikaċja reali ta' din id-deċiżjoni tad-WTO li ttieħdet f'Awissu 2003;
- minn meta ġie adottat dan il-Protokoll mid-WTO fis-6 ta' Diċembru 2005 - issa għaddew aktar minn sittax-il xahar - 7 pajjiżi biss mill-150 pajjiż konċernat aċċettaw b'mod espliċitu l-emenda definittiva tal-Ftehim TRIPS, u dawn huma l-Istati Uniti, l-Isvizzera, l-El Salvador, il-Korea, in-Norveġja, l-Indja u l-Filippini, numru inkredibilment żgħir;
- matul dawn l-aħħar tliet snin u nofs l-ebda pajjiż importatur ma informa lill-Kunsill tat-TRIPS li jixtieq juża l-mekkaniżmu biex jimporta mediċini vitali bl-irħis.

Avolja għadu ma sar l-ebda studju dettaljat, dawn l-osservazzjonijiet purament proċedurali jqajmu dubji serji ħafna dwar ir-relevanza tal-proposta li saret.

Għalhekk, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda **li jindirizza l-konklużjonijiet li ġejjin lill-Kumitat** għall-Kummerċ Internazzjonali:

- jiddispaċiħ li d-dispożizzjonijiet għal-liċenzjar obligatorju ma jtejbux il-prospetti ta' mediċini irħas għall-pajjiżi fqar daqs kemm huwa mistenni f'sens umanitarju;
- jirrikonoxxi li jridu jgħaddu diversi snin qabel ma l-privattivi ta' prodotti farmaċewtiċi fl-Indja, disponibbli biss mill-2005, jsiru suġġetti għar-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet għal-liċenzjar obligatorju, u li dawk ir-rekwiżiti se japplikaw biss għal mediċini ġodda bil-privattiva;
- jinnota li r-Regolament (KE) Nru 816/2006 fih l-istess dispożizzjonijiet, li huma estiżi

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 816/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006, dwar il-liċenzjar obligatorju ta' privattivi relatati mal-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi bi problemi ta' saħħa pubblika (*ĠU L 157, 9.6.2006, p. 1*)

għal aktar pajjiżi milli fl-emenda tal-ftehma TRIPS;

- jenfasizza l-bżonn ta' koperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali fl-analiżi ulterjuri tiegħu ta' l-implikazzjonijiet ta' din il-kwistjoni u l-bżonn ta' djalogu mal-Kunsill u mal-Kummissjoni dwar it-titjib tas-sistema attwali.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali xorta waħda ddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex, meta jasal il-waqt, japprova l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill rigward l-aċċettazzjoni, f'isem il-Komunitajiet Ewropej, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehma TRIPS, magħmul f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005.

PROĊEDURA

Titolu	Protokoll li jemenda l-Ftehma dwar Aspetti tal-Liġi dwar il-Proprietà Intellettwali li jolqtu l-Kummerċ (TRIPS)
Referenzi	08934/2006 - C6-0359/2006 - COM(2006)0175 - 2006/0060(AVC)
Data tat-talba għall-kunsens tal-Parlament	6.12.2006
Kumitat responsabbli	INTA
Opinjoni minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 14.12.2006
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Michel Rocard 29.1.2007
Eżami fil-kumitat	11.6.2007
Data ta' l-adozzjoni	25.6.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 14 -: 3 0:
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Bert Doorn, Cristian Dumitrescu, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Othmar Karas, Pii-Noora Kauppi, Klaus-Heiner Lehne, Manuel Medina Ortega, Hartmut Nassauer, Francesco Enrico Speroni
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sharon Bowles, Luis de Grandes Pascual, Kurt Lechner, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Gabriele Stauner, József Szájer, Jacques Toubon